MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2001

Numru. 476/2000
Kawza Numru. 33

**Il-Pulizija**
**(Spetter Antonello Grech)**
**- vs -**
**George Attard ta' 36 sena iben John Mary u Josephine nee Sillato li joqghod 'Nuova Casa', Triq Wied Sara, Rabat, Ghawdex.**
**Karta ta' l-Identita Nru. 24464(G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fil-21 t'Awwissu 2000 filghodu go garaxx fi Triq Wied Sara Victoria, (1) fetah jew\u zamm l-istess garaxx ghall-ezercizzju ta' arti jew sengha ta' mastrudaxxa minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Puluzija liema licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmula minn awtoritajiet kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi, (2) izjed talli dejjaq lil Guzepp u Giorgina Azzopardi bi hsejes u storbju.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artiklu 321 tal-ligijiet tal-Pulizija Kap 10.

Semghet l-provi;

Semghet ukoll l-ammissjoni ta' l-imputat fuq l-ewwel akkuza;

Issib lill-imputat hati;

Wara li rat l-artikoli 181 u 319 tal-Kap 10 u 338 (m) tal-Kap 9;

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25).

--------------------------------TMIEM--------------------------------